**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 49– Il-Ġimgħa 1 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

49.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

49.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**49.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

49.3.1 Is-Sindku rrefera għaż-żjara li ser jagħmel fostna l-Onorevole Alessandro Battilocchio bejn it- 12 u l-14 ta' April flimkien ma' delegazzjoni.

49.3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-kompetizzjoni mnedija minn Transport Malta għal xi wirja. Huwa semma' li kkuntatja lil Manuel Xuereb u Mark Xuereb dwarha.

49.3.3 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għar-rapport li daħal lil-MEPA rigward xi kostruzzjoni ta' kamra addizzjonali mal-kamra tal-boċċi. Uffiċjali tal-Infurzar tal-MEPA marru fuq il-post wara li sar rapport. L-Uffiċjali kkuntatjaw is-Sindku u x'ħin talbuh min hu responsabbli u tahom il-kuntatt ta' Għajnsielem Football Club.

49.3.4 Is-Sindku propona li ghandna tinbidel il-*playhouse* tal-*playing field*. Sar qbil li għandna noħorġu offerta jew jinġabru xi stimi.

49.3.5 Is-Sindku propona li jsir seminar għall-għaqdiet kollha tal-lokal dwar *team building*. Huwa semma' li s-sidien tal-Grand Hotel lesti li joffru l-premises tagħhom għal dan is-seminar.

## 49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.4.1 Il-kunsillier Peter Caruana rraporta li hemm ħajt imwaqqa' quddiem il-Knisa tal-Patrijiet fi Triq Sant'Antnin. Sar qbil li għandna nirraportawh.

49.4.2 Il-kunsillier Peter Caruana rrefera għall-binja pubblika li hemm fix-Xatt li hija perikoluża. Sar qbil li għandna ngħaddu r-rapport lil Ministeru għal Għawdex.

49.4.3 Il-Viċi Sindku rrefera għall-istorja li ġabar dwar l-għarqa tal-Banċinu u dwar it-twaħħil tal-plakka li tikkommemora din il-ġrajja. Sar qbil li għandna nibgħatu *email* lill-Ministeru għal Għawdex sabiex nitolbuhom l-approvazzjoni tagħhom li l-plakka titwaħħal fiż-Żewwieqa fejn hemm id-Dgħajsa. Ġie propost li għandha titwaħħal fit-28 ta' Marzu li jaħbat għeluq snin il-vittma.

49.4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi enfasizza li peress li fi Triq Hamri hemm biċċa li għad mhemmx drenaġġ biex nassiguraw li jsiru qabel ma jsir ir-resurfacing tagħha.

49.4.5 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi semma' li waslitlu nformazzjoni li ser issir trinka mill-Heliport saċ-Ċimiterju. Huwa talab sabiex niċċekjaw u naraw x'possibilita' hemm li jekk din ser isir dan jgħaddi s-servizz tad-drenaġġ u l-ilma għax fadal xi residenzi li għadhom bla drenaġġ u ilma. Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-awtorijtajiet rigward dan.

49.4.6 Il-Kunsillier Larry Buttigieg ressaq it-talba dwar x'possibilita' hemm li l-passaġġ ta' wara l-każin tal-banda jsir bic-*cement*. Sar qbil li għandna nistħarrġu jekk dik l-*area* hix privata.

49.4.7 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li fuq il-medja soċjali baqa jsir reklamat li l-maratona ser issir minn Għajnsielem minkejja li nfurmajnihom biex ma jkomplux jagħmlu dan. Sar qbil li għandna nerġgħu nikkuntatjawhom biex ma jkomplux.

## 49.5 Korrispondenza u Rapporti

49.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat disinn tal-*mosaic* li ser jintuża fil-proġett tat-taraġ. Il-Kunsill qabel miegħu.

49.5.2 Il-Viċi Sindku rrefera għal kamra li kien hemm taħt it-taraġ u issa ngħalqet. Huwa talab li mhux utli li jinħela l-ispazzju biex jekk tista tintuża terġa tintuża u jsir xi tip ta' *agreement*.

49.5.3 Ġiet trattata l-email mingħand il-Perit Shawn Micallef b'suġġeriment li nitolbu għall-esproprjazzjoni ta' parti minn Triq Wied ir-Rgħajjes biex titwessa' t-Triq. Il-Kunsill qabel li għandna noqgħodu attenti għal talbiet simili għax nistgħu nkunu qed noħolqu preċedent. Sar qbil li għandna nibgħatu email lil Ministeru għal Għawdex bil-periklu li hemm ta' ħajt iperper.

49.5.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħarruba li hemm fi Triq Baħħara u li taħtha qed jinġemgħa ħafna ħmieġ.

49.5.5 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Transport Malta fejn talbuna l-kummenti tagħna għal talba mressqa minn residenta, fi Triq Simirat, Għajnsielem sabiex isiru reserved parking bay quddiem ir-residenza tagħha. Is-Segretarja spjegat kif xi jiem ilu daħal ilment dwar dan u ċċekjat ma' Transport Malta kif ma ġejnix konsultati. Fil-fatt bħala konsulta hawn din il-korrispondenza li ma tawniex ċans niddiskutuha u aġixxew fuqha.

49.5.6 Ġiet trattata talba oħra mingħand Transport Malta rigward talba mingħand resident fi Triq Dun Frangisk Mizzi, Għajnsielem fejn talab sabiex issir 1.5m Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay. Il-Kunsill qabel li għandu jitolbu l-iskop ta' din it-talba u pjanta.

49.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand t-tenur għajnselmiz Angelo Muscat fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill bħala parti minn sponsor għal kuncert li ser jitellgħa fil-Knisja ta' Sant'Antnin Għajnsielem bl-isem 'In Praise of Music" nhar is-27 t'April 2019. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora b'din l-attivita' sa mhux aktar minn €150.

49.5.8 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward Gozo Alive li ser isir bejn it-3 u l-5 ta' Mejju 2019 fejn qed jitolbu lil kull Kunsill jorganizza attivita'. Sar qbil li għandna ninkludu l-UltraRun Marathon li ser issir minn Għajnsielem fl-4 ta' Mejju 2019.

49.5.9 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta minn Triq Kemmunett Għajnsielem, sabiex il-bankina li għandha bis-cement issir bil-madum. Sar qbil li għandha tiżdied mal-lista tal-bankini u ssir meta jmissa.

49.5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Wied Martin biex jinqata il-ħaxix u wkoll ilmenta rigward parking illegali ta' dgħajjes fl-istess triq. Sar qbil li għandna naqtgħu l-ħaxix u nibgħatu lill-pulizija rigward it-tneħħija tad-dgħajjes.

49.5.11 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Bengħazi biex tinbidlilha l-bankina li tinsab fi stat ħażin. Hija lesta li tipprovdi l-madum meħtieġ. Sar qbil li għandna ninkluduha mal-lista tax-xogħolijiet tal-bankini.

49.5.12 Ġiet trattata talba oħra mingħand residenta fi Triq Firilla sabiex tinbidlilha l-bankina li tinsab fi stat ħażin. Hija wkoll lesta li tipprovdi l-madum meħtieg hi. Sar qbil li din ukoll tiġi nkluża fil-lista.

49.5.13 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex isiru double yellow lines fi Triq Simirat kantuniera ma' Triq il-Latini. Sar qbil li għandna mmexxu din it-talba.

49.5.14 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq l-Ixprunara, sabiex issir speed hump. Din it-talba ma' ġietx aċċettata peress li l-humps jżidu problemi oħra.

49.5.15 Ġiet trattata talba mingħand resident fi Triq Simirat sabiex titranġalu rampa mkissra. Sar qbil li għandha ssir il-manutenzjoni meħtieġa.

49.5.16 Ġiet trattata t-talba mingħand l-operatur tal-gym f'Għajnsielem sabiex jiġu nsatallati barriers biex ma jipparkjawx quddiem l-entratura tal-gym peress li hemmhekk huwa ndikat li jitħalla liberu għat-traffiku f'każ ta' ambulanza. Hija talbet ukoll sabiex titranġa ħofra quddiem il-gym peress li qed iżomm l-ilma u il-ħmieġ fiha. Sar qbil li għandna naraw x' l-aħjar soluzzjoni nistgħu napplikaw.

## 49.6 Ħsarat kaġun tal-maltemp

49.6.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-laqgħa nżammet wara li l-Viċi Sindku talab sabiex niltaqgħu biex niddiskutu l-ħsarat li l-lokalita' ġarrbet bil-maltemp li ħakimna. Huwa semma' li dan kien maltemp li qatt ma niftakru bħalu u l-lokalita' ġarrbet diversi hsarat estensivi fosthom f'Ta' Passi, fil-grawnd tal-football, fit-Traffic Island fi Triq il-Ġnien u diversi sinjali tat-traffiku u mirja.

49.6.2 Preżenti għal-laqgħa kien hemm rappreżentanti mill-Kumitat ta' Għajnsielem FC li ntalbu jattendu għal-laqgħa. Huma spjegaw il-ħsarat kbar li ġarrab il-grawnd fosthom l-arbli li tqaċċtu u wkoll ix-xibka. L-ispiża hija stmata ta' madwar €8000. Is-Sindku spjega kif infetħu skemi għal dan il-għan u huma rrispondew li diġa għandhom kuntatt mal-Gozo Football Association u mal-Gozo Sportboard li lkoll wrew l-interess li jgħinu. Ġie spjegat lilhom li bħala Kunsill diġa ressaqna t-talba tal-ħsarat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u lill-Ministeru għal Għawdex. Ir-

Regjun Għawdex ukoll qed jiġbor l-informazzjoni. Il-kunsillier Peter Caurana staqsihom għandhomx xi stima preferabilment minn xi espert. Huma preżentaw stima bbażata fuq ix-xiri li kienu għamlu. Minn spezzjoni li saret ġie kkonfermat li l-arbli jridu jinbidlu. Il-kumitat spjega kif Il-grawnd huwa magħluq minhabba s-safety ta' tfal u għalhekk bħalissa jinsab bla użu.

49.6.3 Il-Kunsill qabel li huwa lest li jgħin fl-ispejjes relatati iżda huwa mportanti li f'dan l-istadju għandhom jaraw x'jistghu jiġbru bħala spejjes imbagħad jerġgħu jiġu lura bil-bilanċ għand il-Kunsill.

49.6.4 Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiġbor stima tal-ħsarat kollha li ġarrbet il-lokalita' u jissottomettihom lill-awtoritajiet.

## 49.7 Karnival

49.7.1 Is-Sindku spjega kif għandna kollox ippreparat u li jonqos hu li nixtru r-rigali tal-kukkanja.

## 49.8 Attivitajiet tal-Għid

49.8.1 Is-Sindku rrefera għall-preparamenti li għaddejjin mill-Għaqda Drammatika Għajnsielem li ser ikunu jinkludu fil-Via Crucis moderna u klassika, dramm tal-Passjoni u ċ-Ċenaklu ħaj. Id-dati u dettalji ser jitħabbru aktar tard.

## 49.9 Approvazzjoni tal-Pagamenti

49.9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-pagamenti gew approvati.

## 49.10 Materji oħra

49.10.1Waqt il-laqgħa nżamm kuntatt mal-artist tal-monument tat-taraġ Manuel Grech permezz ta' teleconferencing fejn qgħad jispjega l-abbozz. Il-kuntrattur taljan li ser jagħmel il-monument ser jibda x-xogħol fuq l-abbozz u mistenni jkun lest għal nofs Mejju. Il-Kunsill qabel mal-abbozz u qabel li għandu jipproċedi fuqu.

49.10.2Sar qbil li għandna nikkonkludu l-proġetti kollha tal-Kunsill u nagħmlu nawgurazzjoni tagħhom kollha.

## 49.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

49.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet preseduta għal nhar l-Erbgħa 10 ta' April 2019 fit-3:00pm.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**